MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 608/2007

Sydney Butcher Co. Limited u Azzopardi (Butchers) Limited
vs
Bag Investments Limited, Jean Paul Busuttil u Maria Mirjam Busuttil

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi fit-30 ta’ Marzu 2007 ir-rikorrenti Sydney Butcher Co. Limited u Azzopardi (Butchers) Limited ottjenew il-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru Kawteratorju Numru 481/07 fl-ismijiet premessi in kawtela ta’ allegat kreditu ta’ Lm184,000 rapprezentanti ***“danni li qed jigu ffisati ghall-finijiet ta’ dan il-mandat sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta’ inadempjenza u ksur ta’ obbligi u garanziji da parti tal-intimati taht skrittura privata tal-21 ta’ Marzu 2006, kawza dedotta b’rikors numru 314/2007.”***

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-mertu kienet giet migjuba bir-rikors guramentat numru 314/2007FS liema kawza qed tinstema` minn din l-Qorti, u l-intimati kkontestaw it-talbiet attrici b'risposta guramentata prezentata fl-atti tar-rikors guramentat.

Illi permezz ta' dan ir-rikors l-intimati, illum rikorrenti, talbu lil-Qorti:

1. Tiddikjara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 481/07 null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. Fin-nuqqas, tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Numru 481/07 fl-ismijiet premessi a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fin-nuqqas, jew f'kaz illi l-Mandat ta' Sekwestru Numru 481/07 jigi revokat biss in parte, tordna lir-rikorrenti jaghtu garanzija a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u fin-nuqqas tirrevoka l-istess mandat.

**In-Nullita` tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 481/07**

Illi l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 481/07 kellu jigi dikjarat null stante li ma tezisti ebda socjeta` Sydney Butcher Co. Ltd. u ghalhekk ir-rikorrenti qatt ma kienu jistghu jkunu debituri ta socjeta` inezistenti. Dan iwassal ghan-nullita` tal-mandat ghax l-inezistenza tal-persuna li tohrog mandat mhuwiex zball li jista` jigi korrett ghaliex ma tistax, permezz ta' korrezzjoni, tigi sostitwita persuna gdida ghall-allegat kreditur. Inoltre ebda korrezzjoni ma tista' tintalab wara li r-rikors ghall-hrug ta' mandat ikun diga` gie degretat u nhareg il-mandat.

Illi kellu jinghad ukoll kif jirrizulta mid-dokument anness mar-rikors u mmarkat bhala **Dok. BAG1**, in-numru ta' registrazzjoni C 33291 (li suppost huwa numru ta' registrazzjoni tas-socjeta` inezistenti rikorrenti l-ohra Azzopardi (Butchers) Limited u ghalhekk kien jirrizulta

ukoll zball fin-numru ta’ registrazzjoni tas-socjeta` l-ohra Azzopardi (Butchers) Limited.

**Ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 481/07**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Mandat ta’ Sekwestru Nru 481/07 kellu jigi revokat a tenur ta’ l-artikolu 836 tal-Kap. 12, u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

**(i) *Illi l-mandat ta’ sekwestru ghandu jigi revokat a tenur ta’ l-Artikolu 836(1) (d) stante li l-ammont mitlub ma huwiex prima facie gustifikat***

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti fil-konfront ta’ l-intimati, illum rkorrenti, tirrigwardja kuntratt datat 21 ta’ Marzu 2006 li permezz tieghu l-intimati bieghu lir-rikorrenti l-ishma taghhom fis-socjeta` The Food House Marketing Limited. Ir-rikorrenti qed jallegaw illi huma ma gewx informati bil-fatt li l-licenzja tal-kumpanija mhijiex licenzja inkondizzjonata imma soggetta ghal diversi kundizzjonijiet. Ir-rikorrenti jallegaw li huma ma kienux jafu b’dawn il-kundizzjonijiet u ma gewx infurmati bihom u li biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet ser ikollhom jidhlu fl-ispejjez. Ghall-finijiet tal-mandat dawn l-ispejjez gew stabbiliti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ Lm184,000.

Illi fil-fehma umili tar-rikorrenti, ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi sussegwenti, din il-pretensjoni ta’ l-atturi ma kenitx prima facie gustfikata, u ghalhekk il-mandat kellu jigi revokat a tenur ta’ l-artikolu 836 (1) (d):

- Illi meta sar it-trasferiment, il-kumpaniji The Food House Marketing Limited u Tenderfish Food Processing Limited kellhom licenzja valida sabiex joperaw fin-negozju tal-laham u ghalhekk dak li kien hemm garantit fil-kuntratt tal-21 ta’ Marzu 2006 kien minnu. Dan kien jirrizulta mill-affidavit ta’ Dr. Anthony Gruppetta ufficjal fil-Ministeru ghall-Affarijiet Rurali u Ambjent kif ukoll mill-List of Approved Establishments as at 30/03/06 anness ma’ l-istess affidavit. Dan l-affidavit flimkien mad-dokument anness mieghu diga gew pprezentati mar-risposta guramentata izda kopja taghhom giet annessa u

mmarkata bhala **Dok. BAG2.** F'dan it-tip ta' negozju, dejjem ikun hemm kundizzjonijiet, jew ahjar tibdilliet, li l-awtoritajiet koncernati jhossu li huma mehtiega minn zmien ghal zmien skond it-tip u l-volum ta' produzzjoni li tkun qed issir, u dan kif jispjega Dr. Anthony Grupetta fid-**Dok BAG2.** Kull min hu midhla ta' dan in-negozju jaf li l-awtoritajiet jibghatu l-inspectors taghhom minn zmien ghal zmien sabiex jaraw is-sistema tal-produzzjoni u wara kull spezzjoni l-awtoritajiet jelenkaw xi affarijiet li skond huma ghandhom isiru. Sabiex il-license holder izomm il-licenzja jrid iwettaq l-affarijiet li l-awtoritajiet jirrikjedu minn zmien ghal zmien. Huwa proprju ghal din ir-raguni li fil-kuntratt tal-21 ta' Marzu 2006 il-partijiet qablu li ***"all the warranties hereunder are limited to the position of the Companies as at the 6th March 2006"*** u cioe` sa dakinhar biss, u inoltre fil-klawzola B tax-Schedule 4 tal-Kuntratt ir-rikorrenti kienet mgharrfa li wahda mis-subsisting obligations tal-kumpaniji in kwistjoni kienet proprju li jkomplu jaderixxu minn zmien ghal zmien ghar-regolamenti kollha tal-gurnata ta' l-awtoritajiet governattivi inkluzi dawk tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Rurali u Ambjent. Ghalhekk ir-rikorrenti certament ma kienux jistghu jghidu li ma kienux jafu b'din is-subsisting obligation tal-kumpanija u ghalhekk il-pretensjoni taghhom ma kenitx prima facie gustifikata.

- Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti kienet ukoll mhux prima facie gustifikata stante li qabel ma sar it-trasferiment tax-shares fil-kumpanija The Food House Marketing Limited ir-rikorrenti kienu fl-ewwel lok bdew ezercizzju ta' due diligence meghjuna, kif kien ser jigi spjegat, minn diversi konsulenti inkluzi esperti teknici, avukati kif ukoll financial controllers, liema due dilegence saret referenza ghaliha fil-paragrafu 9,1 tax-Schedule 3 tal-kuntratt. Illi fit-tieni lok it-trasferiment ta' l-ishma tal-21 ta' Marzu 2006 kien gie precedut b'konvenju tas-6 ta' Marzu 2006 illi bi qbil ma' l-intimati intitola lir-rikorrenti li proprju minn ftit granet qabel il-konvenju jidhlu jiggestixxu huma stess fuq trial basis in-negozju tal-kumpaniji in kwistjoni u dana assolutament ma jkun hemm ebda lok ta' allegazzjonijiet bhalma kienu qed jaghmlu r-rikorrenti f'din il-kawza. Waqt in-negozjati l-ahwa Azzopardi kienu ghalhekk ukoll infurmati, fost hafna

affarijiet ohrajn, fuq il-fatt li l-permessi mehtiega kienu maghrufa kif solitament jinhargu mid-dipartiment koncernat skond il-kundizzjonijiet li jezigu l-awtoritajiet minn zmien ghal zmien u li jridu jigi sodisfatti sabiex jinzamm il-permess. L-inkartament ikkoncernat gie muri lir-rappresentant tar-rikorrenti Edmond Azzopardi u r-rikorrenti kellhom access komplet u totali ghad-dokumentazzjoni rilevanti tal-kumpanija f’dan ir-rigward. L-ahwa Azzopardi kienu wkoll ingaggaw espert, certu Joe Tanti, sabiex jaghmel verifiki neccessarji u janalizza l-operat tal-kumpaniji specifikament il-permessi. Is-Sur Tanti kien fil-fatt ra l-file tal-permessi flimkien mal-korrispondenza kollha tal-kumpanija mal-Food and Veterinary Division inkluz il-kundizzjonijiet u ghalhekk kien jaf bil-kundizzjonijiet relatati mal-permess. Ghalhekk l-alleggazzjoni li r-rikorrenti ma kienux jafu li kien hemm xi kundizzjonijiet kienet infondata u kienet qed issir biss sabiex jigi reklamat lura l-prezz imhallas mir-rikorrenti sabiex jixtru n-negozju u ferm aktar.

- Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost it-talba tar-rikorrenti ma kenitx prima facie gustifikata ghax kwalunkwe spiza li setghu ghamlu r-rikorrenti kienet mehtiega biss minhabba tibdiliet li ghamlu l-istess rikorrenti fl-operazzjoni tas-socjetajiet The Food House Marketing Limited u Tenderfish Food Processng Limited wara ftehim tal-21 ta’ Marzu 2006. In fatti wara t-trasferiment tax-shares ir-rikorrenti ziedu l-produzzjoni tal-kumpanija sostanzjalment, ziedu n-numru ta’ haddiema u xtraw ukoll hafna makkinarju gdid. Kienet biss din iz-zieda fil-produzzjoni li setghet wasslet ghal spejjez kbar da parti tar-rikorrenti u kien ovvju li jekk din iz-zieda fil-produzzjoni kienet tehtieg kambjamenti fl-operazzjoni tal-kumpanija jew xi tibdiliet imposti mill-awtoritajiet, ma kienux l-intimati izda r-rikorrenti li kellhom jaghmlu tajjeb ghal dawn l-ispejjez. Inghad ukoll illi meta wiehed ibiddel il-volum u t-tip ta’ produzzjoni u bdil fil-makkinarju, dan it-tibdil jirrikjedi notifikazzjoni lill-awtoritajiet u z-zamma tal-permess tkun soggetta ghal lista ta’ kundizzjonijiet godda li jidhrilhom l-awtoritajiet ibbazati fuq il-parametri tal-produzzjoni l-godda, u dan kif ikkonferma Dr. Anthony Grupetta fid-**Dok. BAG 2**. Ma kienux l-intimati izda r-

rikorrenti li ghamlu dawn it-tibdiliet fil-volum, tip u sistema ta' produzzjoni.

- Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost ir-rikorrenti ma taw ebda indikazzjoni ta' l-ispejjez allegatament inkorsi minnhom jew ta' l-ispejjez li ser jkollhom jaghmlu, u lanqas ma taw xi indikazzjoni tan-nuqqasijiet li skond huma kellha l-fabbrika in kwistjoni. Ghalhekk certament ma setax jinghad illi r-rikorrenti irnexxielhom juru li l-ammont ta' Lm184,000 pretiz minhom kien prima facie gustifikat. Anzi kellu jinghad illi apparti l-fatt li ma kien hemm ebda ksur tal-garanziji kif fuq spjegat, l-ammont ta' Lm184,000 kien ghal kollox ezagerat.

**(ii)** ***<u>Illi l-mandat ta' sekwestru ghandu jigi revokat in toto jew in parte a tenur ta' l-Artikolu 836 (1) (d) stante illi l-ammont mitlub huwa eccessiv</u>***

Illi kellu jinghad illi filwaqt li l-mandat ta' sekwestru hareg sabi9ex jikkawtela s-somma ta' Lm 184,000 rappresentanti allegati danni sofferti mir-rikorrenti, fir-rikors guramentat fuq il-mertu ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din il-Qorti tillikwida d-danni allegatament sofferti. Ghalhekk huwa car li sal-prezentata tar-rikors guramentat ir-rikorrenti ma kienux jafu kemm huma d-danni li allegatament sofrew u l-ammont ta' Lm184,000 ghall-finijiet tal-mandat ta' sekwestru gi ffisat arbitrarjament mir-rikorrenti, u dan minghajr ebda spjegazzjoni ta' kif ikkomputtaw din is-somma. Dan jirrizulta bic-car meta wiehed jikkunsidra, kif gja gie sottomess, li r-rikorrenti ma taw ebda indikazzjoni ta' l-ispejjez allegatament inkorsi minnhom jew ta' l-ispejjez li kien ser jkollhom jaghmlu. Inghad ukoll illi anke ghall-grazzja tal-argument li keiku kellhom il-kundizzjonijiet li kien hemm mal-permess fiz-zmien tat-trasferiment jigu sodisfatti mill-gdid, ukoll dawn kienu jinnecessitaw spiza zghira hafna li bl-ebda mod ma kienet titla' imkien fejn is-somma ta' Lm184,000 kif allegat mir-rikorrenti. Ghalhekk il-hrug ta' ammont ta' sekwestru fis-somma ezagerata ta' Lm184,000 huwa abbuziv u intiz biss biex jirrikata lill-intimati, u konsegwenza l-istess mandat kellu jigi revokat in toto jew in parte a tenur ta' l-artikolu 836 (1) (d).

**(iii) *<u>Il-mandat ta' sekwestru ghandu jigi revokat in toto jew in parte a tenur Artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 stante li fic-cirkostanzi ma huwiex ragjonevoli li jinzamm fis-sehh</u>***

Illi apparti dak li ntqal aktar 'il fuq, ghandu jinghad ukoll li r-rikorrenti ma kellhom ebda htiega li johorgu l-att kawtelatorju stante li finanzjarjament is-socjeta` intimata Bag Investments Limited hija altru milli likwida u f'kaz illi l-pretensjoni tar-rikorrenti kellha tintlaqa' r-rikorrenti m'hu ser ikollhom ebda diffikolta` li jezegwixxu titolu ezekuttiv fuq l-assi notevoli li kellha s-socjeta` intimata.

Illi in fatti, kif jirrizulta mid-dokument **Dok. BAG 3**, is-socjeta` intimata kellha dhul ta' aktar minn mitt elf lira Maltin (Lm 100,000) fis-sena u kellha assi li jeccedu s-somma ta' erba miljun lira Maltin (Lm4,000,000).

Illi ghalhekk ma hemm ebda biza' fondata li l-qaghda finanzjarja tas-socjeta` intimata tista' tkun tali li tipperikola l-hlas ta' dak li qed jippretendu r-rikorrenti, u tenut kont ukoll ta' dak li inghad aktar 'il fuq, u ta' dak li kien ser jinghad aktar 'l isfel dwar il-pregudizzju kbir u d-danni li ser issofri s-socjeta` intimata minhabba l-mandat ta' sekwestru kienet il-fehma umili ta' l-intimati li fic-cirkostanzi ma kienx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' Lm184,000 kontra l-intimati.

**<u>It-talba ghal garanzija a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12</u>**

Illi f'kaz illi din il-Qorti jidhrilha li ma ghandhiex tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Nru 481/07 jew f'kaz illi tirrevoka biss in parti l-intimati jitolbu bir-rispett illi r-rikorrenti ghandhom jaghtu garanzija ghad-danni li sejrin isofru minhabba l-mandat ta' sekwestru a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

Illi qabel ma nqaghtet il-vertenza odjerna bejn il-partijiet, precizament nhar is-7 ta' Dicembru 2006 is-socjeta` Bag

Investments Limited ikkonkludiet konvenju li permezz tieghu ntrabtet li takkwista proprjeta` fil-Bidnija bil-prezz ta' Lm540,000. Kopja tal-konvenju huwa anness u mmarkat bhala **Dok. BAG 4.** Is-socjeta` Bag Investments Limited hallset depozitu ta' Lm67,500 li skond il-klawzola 2.2 (ii) jintilef mill-istess socjeta` Bag Investments Limited affavur tal-vendituri jekk ma tersaqx ghall-att finali ta' bejgh minghajr raguni valida fil-ligi: ***"in the event that he Purchaser does not appear on finak dead of sale for a reason that shall not be a valid reason according to law, the Mandatories shall releas the deposit in favour of the Vendors together with all interest accuring thereon."***

Illi minhabba l-mandat ta' sekwestru mahrug mir-rikorrenti jidher illi s-socjeta` intimata Bag Investments Limited mhix ser tkun f'pozizzjoni li tottjeni l-facilitajiet bankarji promessi lilha mill-bank sabiex tiffinanzja parzjalment l-akkwist ta' dina l-proprjeta` fil-Bidnija stante illi l-banek gja indikaw li mhux ser ikunu komdi jisilfu l-flus meta hemm vigenti mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta` intimata fis-somma ta' Lm184,000.

Illi ghalhekk, b'konsegwenza tal-mandat is-socjeta` intimata Bag Investments Limited mhix ser tkun tista` tersaq ghall-finali sabiex takkwista l-proprjeta` tal-Bidnija u ser titlef id-depozitu fl-ammont ta' Lm 67,500 skond il-klawzola 2.2 (ii) tal-konvenju.

Illi apparti minn hekk is-socjeta` intimata Bag Investments Limited diga inkorriet spejjez sabiex taghmel il-benefikati f'din il-proprjeta` fil-Bidnija u diga dahlet ukoll f'arrangamenti ma' bennejja sabiex isiru xogholijiet, u dan atante illi ai termini tal-klawzola 8 tal-konvenju gie miftiehem illi ***"The parties agree that the Purhaser, shall be allowed to carry out works at the property consisting particularly of construction of a boundary wall inclusive of the foundation works for the said boundary wall and the retaining walls during the validity of this Agreement, and that the Vendors shall not obstruct the carrying out of the said works. Provided that if the final deed of sale does not tak***

***place for a reason imputable to the Purchaser, then the Vendors shall not be liable to reimburse the Purchaser for any cost incurred by it in the aforesaid works."*** Ghalhekk, f'kaz illi s-socjeta` intimata ma tkunx tista' tersaq ghall-att finali ta' bejgh minhabba l-Mandat ta' Sekwestru mahrug mir-rikorrenti dawn l-ispejjez u obbligazzjonijiet li mhux ser tkun tista' tirkupra/tonoraha s-socjeta` intimata Bag Investments Limited kollha jikkostitwixxu danni nkorsi da parti ta' l-istess socjeta` intimata.

Illi inoltre l-intimati qed jitilfu l-imghax fuq il-flus maqbuda bil-mandat.

Illi inoltre hemm ragunijiet illi jintitolaw lill-intimati jitolbu l-hlas ta' penali a tenur ta' Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 stante li fil-fehma umili taghhom it-talba tar-rikorrenti hija wahda frivola u vessatorja u inoltre c-cirkostanzi tas-socjeta` intimata ma kienux tali li jaghtu lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` taghha u dwar il-kapacita` finanzjarja taghha u din il-qaghda finanzjarja tajba tas-socjeta` inimata kienet maghrufa sew.

Illi ghalhekk, stante illu l-Mandat ta' Sekwestru Nru 481/07 hareg fuq ir-responsabbilita` tar-rikorrenti, r-rikorrenti ghandhom jaghtu garanzija gahd-danni li ser isofru l-intimati minhabba l-mandat u ghall-penali li tista' tigi imposta a tenur ta' l-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara bhala null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-Mandat ta' Sekwestru Numru 481/07 fl-ismijiet premessi

2. F'kaz illi din it-talba ma' tintlaqax, tirrevoa in toto jew in parti l-Mandat ta' Sekwestru Numru 481/07 fl-ismijiet premessi a tenur ta' l-Artikolu 836 tal-Kap. 12 u

3. F'kaz illu dina l-Qorti jidrilha li ma ghandhiex tirrevoka l-mandat jew li ghandha tirrevokah biss in parte, tordna lir-rikorrenti ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta

u ta’ danni u imghax fi zmien prefiss minn din il-Qorti, u fin-nuqqas li tinghata tali garanzija mir-rikorrenti, tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 481/07 fl-ismijiet premessi

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti joghgobha taghti.

Rat ir-risposta ta’ Sydney Butcher Co. Limited u Azzopardi (Butchers) Limited illum maghrufa rispettivament bhala Azzopardi (Butchers) Limited u Idrapozza (Butchers) Limited li biha esponew illi:

Illi t-talbiet tal-intimati Bag Investments Limited et kellhom jigu michuda peress illi ma kienx hemm ir-rekwisti sabiex tali talbiet jintlaqghu.

Illi l-intimati rriservaw li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri peress illi huma ma kellhomx zmien bizzejjed biex jikkomunikaw mal-avukati taghhom u dan minhabba l-fatt li huma gew notifikati bir-rikors il-Gimgha 8 ta’ Gunju, 2007.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Sydney Butcher Co. Limited u Azzopardi (Butchers) Limited illum maghrufa rispettivament bhala Azzopardi (Butchers) Limited u Idrapozza (Butchers) Limited li biha esponew illi:

Illi fl-ewwel lok ma kienx minnu li s-socjetajiet li talbu l-hrug tal-mandat ta’ sekwestru ma jezistux. Ghal dan il-ghan gew prezentati kopji ta’ zewg settijiet ta’ Memorandum and Articles of Association tas-socjetajiet intimati – Dok Rev 1 u Dok Rev 2. Li gara kien illi s-socjetajiet biddlu isimhom, izda l-identita` taghhom baqghet cara u dan kien jirrizulta minn numru ta’ registrazzjoni taghhom citat fir-rikors promotur.

Illi jkun opportun illi x-xhieda li ngiebu fl-atti tar-rikors tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 382/07FS deciz fid-29 ta’ Marzu 2007 ikunu allegati ma’ l-atti tar-rikors odjern, peress illi jittratta l-istess meritu tal-kawza fl-istess ismijiet premessi (Rikors Nru. 314/2007FS).

Illi ma kienux jezistu rekwiziti skond l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 biex il-mandat ta' sekwestru jigi revokat. Illi l-ammont kawtelat jirraprezenta danni li l-intimati sofrew minhabba ksur tal-warranties. Dan gie spjegat fid-dettal fl-atti tar-rikors numru 314/2007FS li kopja tieghu giet esebita bhala Dok Rev 3. Jidher car mill-istess rikors illi l-ammont kawtelat jirraprezenta danni li l-intimati sofrew minhabba l-agir tal-intimati (rikorrenti f'dawn il-proceduri). Ix-xhieda fl-atti tar-rikors 382/07FS juru prima facie li l-intimati sofrew danni li jixtiequ jikkawtelaw.

Ghalkemm huwa veru li l-intimati kellhom zmien biex jaghmlu ezercizzju ta' due diligence bejn il-konvenju u l-att ta' l-akkwist, dan l-esercizzju sar fuq dokumenti pprovduti mill-istess intimati (hawn rikorrenti) li rrizulta li ma kenux kompleti u tabilhaqq fil-mod kif inghataw lill-intimati - u cioe` b'folji minnhom nieqsa li wara l-kuntratt finali nstab li l-permessi/approvals kienu kundizzjonati – huma mhux biss inveritijieri imma jirraprezentaw agir frawdolenti u doluz. Dan jirreferi ghal kundizzjonijiet li kienu imposti mill-awtoritajiet qabel id-data tal-kuntratt finali u mhux wara.

Dawn id-danni jirraprezentaw telf fil-valur tal-ismha mixtrija minhabba spejjez kapitali u financing costs li jridu jintefqu biex dak li kien gie garantit mir-rikorrenti fl-atti ta' trasferiment meta ttrasferew l-ismha lill-intimati jigu rimedjat. Jekk ma jsirx hekk in-negozju tas-socjetajiet li l-intimatti akkwistaw is-shares fihom ma jkunx jista' jigi gestit ghax ikunu jonqsu l-kundizzjonijiet rikjesti mill-ligi u li huma garantiti fl-istess att ta' trsferiment tal-ishma.

Dan l-ammont mhux eccessiv. Anzi l-intimati qed jaghmlu minn kollox biex jimminimizzaw id-danni. Jirrapprezentaw spiza ingenti biex il-fabbrika tas-socjetajiet li l-ishma fihom gew trasferiti lill-intimati jingiebu fl-istat li suppost kienu fihom li kieku dak li l-intimati ggarantew kien fil-fatt minnu.

Illi gie rilevat illi meta l-intimati talbu jinhareg mandat ta' inibizzjoni biex bank guarantee pagabbli lill-intimati ma tintuzax, dina l-Qorti ma laqghetx it-talba tal-intimati peress illi ma kienx hemm ir-rekwizit ta' danni irrimedjabbli

u dan peress illi d-dannu hu ta’ natura finanzjarja u peress ukoll illi l-mandat kien jolqot garanzija bankarja. Effettivament ir-rikorrenti sarrfu l-garanzija bankarja fis-somma ta’ Lm130,000 li kienet tirrapprezenta bilanc tal-prezz ta’ l-ishma trasferiti.  Kien ghalhekk illi l-intimati kellhom jirrikorru ghall-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru. Jigifieri issa l-intimati qeghdin f’sitwazzjoni li filwaqt li hemm inadempjenza da parti tar-rikorrenti, l-intimati kellhom ihallsu l-prezz kollu miftiehem (meta normalment ma jigrix hekk) u issa kienu sejrin johrogu flus ingenti biex dak li ma giex onorat mill-istess rikorrenti ikun jista’ jigi rimedjat.  Da parti taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll illi l-intimati jipprovdu garanzija huma stess.

L-intimati ssottomettew illi r-rikorrenti ma jsofru ebda pregudizzju jekk huma jipprovdu xi forma ta’ garanzija lill-intimati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni pretizi mill-intimati.

Illi inoltre ma hemm ebda bazi legali biex jigi applikat l-artiklu 838 A li jirreferi ghall-artiklu 836 (8) tal-Kap 12.  Il-mandat ta’ sekwestru huwa l-uniku mod kif l-intimati jistghu jikkawtelaw il-kreditu taghhom ladarba l-garanzija bankarja oggett tar-rikors numru 382/07 giet utilizzata mir-rikorrenti.  Li kieku nigu f’sitwazzjoni fejn min jikkawtela kreditu irid jipprovdi garanzija, allura nkunu qed nirrestringu r-rimedji kawtelatorji ghal min huwa fakoltuz. Fil-kaz odjern l-intimati huma dawk li sofrew: kellhom ihallsu Lm130,000 bilanc tal-prezz u issa jridu jiffinanzjaw l-irrimedjar tal-inadempjenza tar-rikorrenti.

Ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti Bag Investments Limited et kellhom jigu michuda peress illi ma hemmx ir-rekwisiti sabiex tali talbiet jintlaqghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Bag Investments Limited u l-intimati l-ohrajn isostnu li l-Mandat ta’ Sekwestru 481/07 huwa null u dan minhabba li

ma tezisti ebda socjeta` bl-isem ta’ Sydney Butcher Company Limited (rikorrenti fil-Mandat ta’ Sekwestru 481/07). Il-Qorti kkunsidrat dan l-aspett u ssib li certament Bag Investments Limited u l-intimati l-ohra qatt ma setghu jkunu debituri ta’ socejta` mhux registrata u ghalhekk inezistenti. Jinghad li l-mandat kien jikkonsisti f’decizjoni finali u ma tistax issir korrezzjoni fih f’dan l-istadju minhabba li l-mandat hareg in segwitu tar-rikors u dan skond id-digriet relattiv. Meta gie prezentat ir-rikors is-socjeta` Sydney Butchers Company Limited kienet inezistenti u dan iwassal ghal nullita` tal-mandat. Hawn mhux kaz fejn hemm il-fakulta` tal-korrezzjoni ***pendente lite***. Il-fatt li n-numru ta’ registrazzjoni tal-kumpanija kien wiehed tajjeb mhux bizzejjed ghal skopijiet tal-artikolu 175 tal-Kap 12.

In vista ta’ dan il-Qorti tikkunsidra l-mandat imsemmi bhala null (ara fol 8 ***et*** tal-process). Il-fatt li socjeta` tkun biddlet isimha mhux sifficjenti bhala raguni u messu l-mandat sar kif suppost.

Tiddikjara l-mandat null u ghalhekk revokat.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------